MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2003

Numru 606/2001

**Arikolu 334, 17(b), 20, 23, u 533 tal-Kap 9**
**u l-artikoli 3(1) u 14 tal-Kap 46**
**tal-Ligijiet ta' Malta**

**Il-Pulizija**
**Supretendent Bartolomeo Mula**
**V**

**PAOLO AQUILINA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **PAOLO AQUILINA** ta' sitta w sittin sena, bin il-mejtin Emanuel u Paola nee Galea, imwieled il-Belt Valletta nhar s-sittax ta' Jannar 1935, u residenti 38C, Flat 6, Triq Zekka, il-Belt Valletta, detentur tal-karta tal-identita numru 73035M gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

1. Matul l-ahhar snin, immedjatament qabel s-sebgha w ghoxrin ta' Novembru 1993, u fl-istess jum, f'Malta, [il-Belt Valletta u/jew fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer], xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat u cioe diversi oggetti tad-deheb li l-valur taghhom jeccedi l-elf lira maltin sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement jew kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom, liema oggetti tad-deheb gew misruqin mill-fond 'Villa Thistle', sitwata fi Triq l-Iklin, l-Iklin ghad-detriment ta' Emanuel Falzon mill-Iklin;

2. Talli fil-Belt Valletta nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Novembru 1993, u fis-snin ta' qabel bhala detentur ta' licenzja t'Argentier u Bejjiegh ta' oggetti tad-deheb u fidda, biegh, partat, jew xort'ohra ttrasferixxa jew innegozja f'oggetti tad-deheb jew tal-fidda li ma kienux imbullati bil-Boll xieraq tal-Gvern, li juri t-titolu tad-deheb jew tal-fidda wzata fil-manifattura taghhom.

3. Talli fl-istess zminijiet, postijiet u cirkostanzi, f'Malta xtara oggetti tad-deheb jew tal-fidda mahdumin f'Malta minghand persuna jew persni mhux maghrufa minnu u dan qabel ma wera dawn l-oggetti tad-deheb lil Konslu.

Il-Qorti rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar t-tmienja w ghoxrin ta’ Gunju, 2002 esibiti fl-atti a fol 112.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u konsegwentement deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita.

Semghet ix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Semghet l-imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju kif wkoll l-provi tad-difiza.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti thoss li qabel ma taghmel l-apprezzament tax-xhieda ai termini tal-artikolu 637 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, biex tara jekk l-akkuzi moghtija fil-konfront tal-imputat jirrizultawx ppruvati jew le, thoss li l-ewwel m'ghandha taghmel huwa apprezzament tal-elementi tar-reat principali moghti fil-konfront tal-imputat u cioe dak ta' ricettazzjoni.

Skond is-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali per Imhallef Camilleri nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Jannar 1942***, fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Bugelli et,** l-elementi tar-reat ta' ricettazzjoni huma tlieta u cioe:

1. li qabel ikun sar d-delitt kontra l-propjeta ;
2. li l-persuna akkuzata bhala ricettanti, tkun irceviet jew xtrat l-oggetti provenjenti minn dak id-delitt jew b'xi mod indahlet biex tbiegh dawk l-oggetti; u
3. li dik l-istess persuna tkun taf bil-provenjenza <u>llegittima</u> ta' dawk l-oggetti.

Il-Qorti mhux ser telabora fuq l-ewel zewg elementi ghaliex dawn jittrattaw fuq kwistjoni ta' fatt u ghalhekk f'kaz li jirrizulta b'mod fattwali mhux ser ikun hemm kontestazzjoni. L-unika diskrepanza li jista jkun hemm bejn dak li tallega l-Prosekuzzjoni w d-Difiza, hi dwar l-interpretazzjoni tal-kelma 'xjenza'. Il-Qorti ghalhekk ser taghmel analizi tat-tifsira tal-kelma 'xjenza'.

Skond il-**Manzini**, huwa jispjiega li:

*"Per l'imputabilita' del delitto di accettazione richiedesi in ogni caso il-dolo. Questo dolo consiste nella volontarieta' del fatti inse' cioe dell'acquisto, ricezione, accultamento o intracommissione e nella scienza che si tratta di cose provenienti da dellitto. Non basta il semplice dubbio, ancorche esso evidentemente equivolga alla scenza della provenienza delittuoso delle cose."*

**Smith & Hogan** f'pagna 61 tal-ktieb ***Criminal Law*** [Edit 1965] jiktbu:

*"Knowingly for this purpose includes the state of mind of the man who suspects the truth but deliberately avoids finding out, shutting his eyes to an obvious means of knowledge or deliberately refraining from making enquiries the result of which he might not care to have."*

Il-Qrati taghna kellhom diversi okkazjonijiet fejn ittrattaw dan il-kuncett tax-xjenza in materja ta' ricettazzjoni.

Fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tnax ta' Gunju 1992*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Vella** dik il-Qorti ddecidiet li:

*"L-element intenzjonali li jrid jigi sodisfacentement ppruvat biex tigi radikali l-htija dwar r-reat ta' ricettazzjoni, jinvolvi li persuna tkun voluntarjament accettat l-oggetti in kwistjoni meta tkun taf bil-provenjenza llegittima ta' dawk l-oggetti."*

Il-Qorti hija tal-fehma li l-Prosekuzzjoni ghandha tipprova li l-imputat fil-mument ta' ricettazzjoni, kien jaf li l-oggetti in kwistjoni originaw minn xi serqa jew minn xi reat iehor. Tirritjeni li din ix-xjenza ma tridx tkun fid-dettalji kollha tar-reat principali, izda huwa bizzejjed li tkun tirreferi generikament ghal provenjenza kriminuza tal-istess oggetti. In oltre, jekk l-imputat jkollu suspett dwar il-legittima o meno tal-provenjenza ta' dawk l-oggetti u ma jghamilx l-verifiki kollha mehtiega, dawn il-fatti ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni u f'certi kazi, jistghu jkunu prova bizzejjed tal-element intenzjonali ta' dan r-reat. L-agir tal-imputat irid ikun ta' grad tali li tammonta ghal negligenza kriminali u dan minhabba li r-reat ta' ricettazzjoni huwa wiehed doluz u mhux kolpuz u essenzjalment jikkonsisti fix-xjenza certa posittiva tal-provenjenza llegittima tal-oggetti nvoluti. Dan l-element intenzjonali jista jirrizulta mic-cirkostanzi partikolari ta' kull kaz [vide **Il-Pulizija v Joseph Gravina et** deciza mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-disgha w ghoxrin ta' Settembru 1983***].

Il-Prosekuzzjoni donnha sostniet fit-trattazzjoni orali taghha u dan b'lealta kbira lejn il-Qorti, li stante li l-

pussess tal-oggetti kienu f'idejn l-imputat u fil-fehma taghha minghajr raguni legittima, allura dan huwa indizzju ferm qawwi ta' dan r-reat. Il-Qorti thoss pero li jrid ikun hemm elementi ohra ta' provi li b'xi mod jsahhu l-prova li tigi minn dawk l-indizzji.

Il-Qorti zzid tghid kif fil-fatt gie rilevat fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hmistax ta' April 1944*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Censu Costa:**

*"Meta l-oggett misruq huwa haga li tghaddi facilment minn id ghal ohra, il-pussess irid ikun recenti u aktar ma l-oggett ikun tali li jghaddi malajr minn id ghal id ohra, aktar il-pussess biex ikun indizzju ta' sarc ghandu jkun recenti, b'mod li certu perjodu jista jitqies pussess recenti ghal certa xorta t'oggett u mhux recenti ghal xort'ohra ta' oggetti aktar facilment zmercjabbli."*

Il-ligi taghna ma tirrekjedix xi format specjali ta' kif ghandha tigi ppruvata x-xjenza jew li l-akkuzat irid jigi ppruvat li ngibitlux xi prova partikolari tal-provenjenza delitturuza minn min ikun bieghlu. Dan ghaliex altrimenti tista tghid li fl-ebda kaz ta' ricettazzjoni ma tingieb il-prova adegwata. Dak li minn kaz ghal iehor il-Qrati taghna sostnew u esigew li hu necessarju li jigi ppruvat mill-akkuza hu li fil-mument tal-akkwist minn xtara kellu x-xjenza cara u posittiva tal-provenjenza delitturuza tal-oggett liema element intenzjonali jista jigi dezunt mic-cirkostanzi li fihom ikun sar l-akkwist. Il-leggerezza jew negligenza li jindaga dwar il-provenjenza tal-oggett ma jissodisfax l-element morali tar-ricettazzjoni.

Issa dwar il-meritu tal-kaz u tenut kont tal-principji legali issa enuncjati aktar 'l fuq, il-Qorti semghet ix-xhieda kollha tal-kaz u ghamlet apprezzament taghha.

**Is-Supretendent Bartolomeo Mula xehed** nhar d-disgha w ghoxrin ta' Ottubru 2001 fejn spjiega li nhar l-wiehed u ghoxrin ta' Novembru 1991 kienet sehhet serqa mill-fond 'Villa Thistle', sitwat fi Triq l-Iklin, Iklin u fil-fatt saret Inkjesta Magisterjali. Fis-sena 1993 Maryanne Falzon, sid d-dar li giet derubata, marret titkellem mieghu u qaltlu li

kienet rat xi oggetti tad-deheb li kienu nsterqulha ghal bejgh f'hanut ta' gojjellerija li jappartjeni lil imputat. Huwa ghalhekk ordna li ssir *search* f'dan l-fond u gie elevat curkett u katina tad-deheb li sussegwentement gew esibiti l-Qorti u mmarkati bhala dokument CSH 4 kif jirrizulta a fol 11 tal-atti odjerni.

**Illi gie wkoll esibit il-process verbal** redatt mill-Magistrat, illum Imhallef, Lino Farrugia Sacco li jikkonferma li in effetti nhar l-wiehed w ghoxrin ta' Novembru 1991, il-familja Falzon tal-indirizz fuq imsemmi, kienet spiccat vittma ta' serq.

**Emanuel Falzon xehed** nhar d-disgha w ghoxrin ta' Ottubru 2001 fejn qal li l-oggetti tad-deheb esibiti f'dawn il-proceduri bhala dokument CSH 4, kienu jappartjenu lil martu. Dwar ic-curkett dan ix-xhud stqarr li martu kien ghad kellha l-imsielet parigg waqt li fil-konfront tal-gizirana ma setghax jikkonferma li kienet l-istess wahda.

**Maryanne Falzon xehdet** wkoll nhar d-disgha w ghoxrin ta' Ottubru 2001 fejn ikkonfermat li d-dokument CSH 4 u cioe ic-curkett u gizirana tad-deheb kienu taghha.

**John Spiteri**, li jigu hu Maryanne Falzon, gie muri wkoll d-dokument CSH 4 u cioe l-oggetti tad-deheb pero ma setghax jgharafhom bhala propjeta ta' ohtu.

**PS 215 Maurice Saliba** kkonferma li l-imputat ghandu licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jahdem t'argentier u billi jahdem u jbiegh oggetti ta' deheb u fidda mill-fond tieghu 12, Triq San Mark, il-Belt Valletta.

**L-imputat irrilaxxja stqarrija** skond l-ligi **nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Novembru 1993** li tinsab esibita fl-atti markata bhala dokument CSH 2. L-imputat ta' spjiegazzjoni tat-*tags* li kien hemm imwahhla mac-curkett u *chocker* li sussegwentement gew esibiti l-Qorti w insista li c-*chocker* kienet giet imqassra u kienet ilha ghandu ghal zmien twil. Fil-fatt spjiega li kienet itwal u kien hareg brazuletta minnha filwaqt li c-curkett kien ilu ghandu aktar minn ghaxar snin. Huwa qal li kien xtrah minghand terzi u

li records ta' minn ghand min kien xtrah, ma kellux. Spjiega li dawk iz-zewg oggetti kienu komuni hafna u li kienu jsiru hafna bhalhom. Huwa insista mal-Pulizija ghal darba darbtejn tlieta li c-curkett kien ilu ghandu zmien twil.

**L-imputat xehed viva voce l-Qorti nhar l-hdax ta' Ottubru 2001** fejn kkonferma l-kontenut tal-istqarrija tieghu u ghamel xi kjarifiki zghar. Huwa spjiega li l-gizirana kienet wahda ta' habel u li jsir bil-magna u minnhom isiru mijiet kuljum. Dwar ic-curkett ikkonferma li bhalu hemm hafna tant li anke wera wiehed iehor bhalu lil Qorti. Huwa qal li dan ic-urkett kien hadmu certu George Lewis, argentier fi Strada San Domenico, il-Belt Valletta u li llum huwa mejjet pero sostna li ibnu probabbli kien f'posizzjoni li jgharaf ix-xoghol ta' missieru. Il-habel huwa qal li xtrah minghand Zampa, kien itwal u kien qatgha bicca minnu biex jaghmel brazzuletta u ghalhekk kien bla timbru peress li t-timbru kien fuq il-brazzuletta.

**Renato Zampa, xhud in difesa, xehed** fis-sebgha ta' April 2003 fejn qal li huwa jahdem fix-xoghol ta' missieru bhala gojjellier billi jbiegh d-deheb li jimporta. Meta giet muri l-habel tad-deheb huwa kkonferma li bhalu hemm eluf, li huwa jbiegh dak t-tip ta' xoghol bhalu pero ma setghax jikkkonferma li kienu hu li biegh dan il-habel lil imputat ghalkemm bhalu fil-hanut kellu.

**Joseph Lewis xehed** nhar s-sebgha ta' April 2003 fejn ikkonferma li c-curkett esibit fl-atti kien jinhadem minn missieru u zijuh, illum t-tnejn mejtin. Xehed li minnhom kien hemm hafna, bit-tuzzani. Xehed li bhal dan ic-curkett kien hemm wkoll labar w imsielet u kienu jigu moghtija lil hwienet biex jinbieghu. Ikkonferma li missieru kien jahdem xi xoghol ghall-imputat.

Illi l-Qorti hawnhekk tirrileva li l-kaz irid jigi ppruvat ghas-sodisfazzjon tal-Qorti mill-Prosekuzzjoni u l-imputat m'ghandu ebda obbligu jipprova xejn.

Issa fil-kaz in ezami l-imputat irrilaxxja stqarrija a tempo vergine tal-investigazzjoni u ta spjiegazzjoni plawsibbli

dwar il-provenjenza tal-oggetti tad-deheb w ikkonferma tali deposizzjoni viva voce l-Qorti aktar tard.

Illi mix-xhieda tieghu minn imkien ma jirrizulta, lanqas remotament, li l-imputat kellu xi dubju dwar il-provenjenza taghhom jew xi suspett illecitu dwarhom. Fil-fatt, huwa rrisponda d-domandi kollha maghmula lilu b'mod kredibbli u konsistenti u fl-ebda stadju ma wera xi dubju f'dak li qal. Huwa semma tnejn minn nies li setghu jikkoloboraw dak li qal certu Lewis u Zampa u fil-fatt dan ikkonferma li bhal dawn iz-zewg oggetti tad-deheb f'Malta hawn mijiet. Illi l-konjugi Falzon fl-ebda hin ma identifikaw dawn l-oggetti minn xi marka partikolari anzi Emanuel Falzon qal li ma kienx cert li l-gizirana kienet ta' martu. Illi l-Prosekuzzjoni fl-ebda hin ma indikat li fil-mument tar-ricettazzjoni, l-imputat kien jaf li l-oggetti kienu gejjin minn serq jew minn xi reat iehor. Ix-xjenza mehtiega fic-cittadin tirrigwarda il-provenjenza kriminuza generika u ma tirreferix ghad-dettalji specifici tar-reat principali.

Il-Prosekuzzjoni ma ghamlet l-ebda domandi lil imputat dwar per ezempju il-prezz li xtrahom jew kemm kien xtara jew kemm kien ser jaqla minn fuqhom sabiex forsi din l-informazzjoni titfa xi dell fuq il-kaz odjern.

L-imputat kien konsistenti f'dak li qal sa mill-bidu nett ta' dawn il-proceduri w il-Prosekuzzjoni ma ppruvatx kif rikjest fl-artikolu 334 (c) tal-Kap 9, li l-imputat kien fil-pussess tal-oggetti u li kien fil-waqt li kien jaf li gew misruqa jew li kienu gejjin minn xi attivita kriminali u/jew li setgah facilment jinduna b'dan minn certi cirkostanzi evidenti misterjuzi abnormali u suspettuzi bhal per ezempju li n-negozju sar f'xi disabitat jew kmieni filghodu. Ic-cirkostanzi ma kienux tali li jitfghu xi dubju dwar l-agir tal-kumpratur li xtrahom.
Ghalhekk mill-provi jirrizulta li l-Prosekuzzjoni ma pruvatx la li l-oggetti tad-deheb in kwistjoni gew mis-serqa tal-familja Falzon u dan sal-grad rikjest mill-ligi ta' konvinciment morali u lanqas li l-imputat kellu dik ix-xjenza rikjsta li l-oggetti kienu gejjin minn attivita kriminali. Kull ma rnexxilha tipprova l-Prosekuzzjoni kien li l-oggetti esibiti l-Qorti, kienu fil-pussess tal-imputat.

Dwar t-tieni akkuza u cioe li l-imputat biegh jew ittrasferixxa jew innegozja deheb li ma kienx imbullat, ma hemmx dubju li din tirrizulta fuq ammissjoni tal-istess imputat li jghid li meta jqassar gizirana jew icekken curkett gieli timbru ma jahhlix u fil-fatt dan ic-curkett esibit l-Qorti, ma kellux timbru ghaliex kien cekknu [vide fol 120 tal-atti odjerni].

Dwar t-tielet akkuza u cioe li xtara xi oggetti tad-deheb minghand persuna mhux maghrufa Malta u dan qabel ma were dawn l-oggetti ta-deheb lil Konslu, din ma tirrizultax ppruvata lanqas remotament ghaliex fil-fatt rappresentant tal-Konslu f'dawn il-proceduri ma xehdtx.

Il-Qorti rat l-artikoli tal-ligi kif moghtija mill-Avukat Generali u cioe l-artikolu 334, 17(b), 20, 23, 533 tal-Kap 9 u l-artikolu 3(1), 14 u 19 tal-Kap 46 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Tiddecidi li ma ssibx lil imputat PAOLO AQUILINA hati tal-akkuza ta' ricettazzjoni u t-tielet akkuza u tilliberah minnhom, filwaqt li tiddikjara li ssibu hati tat-tieni akkuza moghtija lilu skond l-artikolu 3(1) tal-Kap 46 tal-Ligijiet ta' Malta u tikkundannah ghal amenda ta' hamsa w ghoxrin lira maltin.**

**Dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes peritali ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-process w innotat li waqt il-kumpilazzjoni ma kienx hemm tali nomina u ghalhekk il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din t-talba.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------